MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 455/2012

**A *sive* B C**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2012 fejn ġie premess:

Illi l-attur twieled fis-_________________ *(omissis)* u ġie rreġistrat fl-att ta' twelid tiegħu bħala ta' sess maskili, kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid (Dok A);

Illi l-attur huwa domiċiljat hawn Malta;

Illi minn ċkunitu, l-esponent kellu inklinazzjonijiet, atteġġjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikoloġikament kif ukoll esternament;

Illi għalhekk sabiex jeħles mill-konflitti nterni għar-rigward tal-personalitajiet tiegħu, l-attur issottometta ruħu għall-operazzjoni kirurġika magħrufa bħala *gender reassignment* u b'hekk assuma s-sess femminili b'mod irriversibbli. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat mediku maħruġ mill-Ingilterra anness hawn wara (Dok B);

Illi l-artikolu 257A tal-Kap 6 jistabbilixxi illi l-attur, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jista' jitlob permezz ta' rikors ġuramentat, sabiex tiġi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet hawn fuq spjegati jogħġobha:

1. Tiddikjara illi isem l-esponenti isir 'B' *ai fini* u effetti kollha tal-liġi u dana minflok 'A'.

2. Tordna għalhekk lid-Direttur Intimat ħalli jagħmel l-emendi meħtieġa fl-Att tat-Twelid tar-Rikorrenti u dana billi fl-imsemmi Att tat-Twelid l-isem 'A' fit-tielet kolonna jiġi sostitwit bl-isem 'B' u fir-raba' kolonna l-kelma *'male'* tiġi sostitwita bil-kelma *'female'.*

3. Tordna li a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bdil ser isir a tenur tat-talba preċedenti jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tal-istess persuna, inkluż il-passaport u l-karta tal-identita'.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fl-24 ta' Mejju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita

pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna il-bdil ta' l-isem, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala B kif hekk jesiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejjħa bħala B u mhux A;

4. Illi bla ħsara għal premess biex it-tielet talba attriċi tkun tista' tintlaqa' r-rikorrenti, a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

5. Illi subordinatament biex l-attur jkun jista' jesperixxi din il-kawża jrid kif imfisser fl-Artikolu 257A(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddimostra illi (i) huwa mhuwiex marbut biż-żwieġ u (ii) li għandu d-domiċilju tiegħu f'Malta;

6. Illi magħdud ma' dan, skont l-Artikolu 257A(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti għandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk ir-rikorrenti verament għadda minn bidla irriversibbli mis-sess maskili għal dak femminili;

7. Illi finalment dwar l-ispejjeż tal-kawża nkluż dawk marbutin mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jiġi rilevat li l-Artikolu 257A(5) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li dawn għandhom jiġu mħallsa mill-attur;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport maħluf tal-esperti mediċi l-Professur Godfrey Laferla u Dottor Raymond Galea debitament maħtura għal dak l-iskop;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-14 ta' Novembru 2012 il-kawża tħalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 257A *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna mhux miżżewga li jkollha domiċilju f'Malta, li tagħmel talba ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew liha fl-att tat-twelid. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi jirrizulta mill-perizja medika illi fil-fatt illum ir-rikorrenti hija ta' sess femminil u allura għandha ssir l-annotazzjoni msemmija. Ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet intavolati għaliex id-dikjarazzjoni ġuramentata ma ġietx ribattuta. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak li ġara u m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Illi minħabba n-natura tal-każ, il-Qorti tordna li l-partikolaritajiet tal-attriċi ma jissemmewx fil-kopja tas-sentenza pubblikata fuq il-*web-site* tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Għal kull buon fini tordna wkoll id-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem l-attriċi fuq il-meżżi kollha tax-xandir.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------